**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 03/09a | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 07/05/2009 fis-06.35pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti mis-7.40pm |
| | | Hales Joseph | Assenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti sas-7.35pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**03. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Proponent:Pace<br>Sekondant:Wille Piscopo | **Il-Minuti 02/09 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 01.2.1 | Tiżdied din is-sentenza: "Fenech għarrfet lill-Kunsill li din is-sena Waslet il-Festa mhux ser tkun organizzata minħabba nuqqas ta' fondi." | | |
| | 01.3.2 | Jiżdiedu l-kliem: "Nitkellmu wkoll mal-Meusac". | | |
| | 01.6.4 | Titneħħa l-ewwel sentenza u jidħlu dawn il-kelmiet: Pace qal li l-isleeping policeman fi Triq Melchiorre Gafa' qed iżżomm l-ilma". | | |
| 03. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**03. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 1 | 01.2.1 | Sindku: Waslet il-Festa | **Il-Kunsill qabel li nhar it-12 ta' Mejju titella l-attivita' Waslet il-Festa mit-8.30pm 'l quddiem. Il-Kunsill ser jipprova jsib sponsor ghal din l-attivita'.** | Sindku |
| 03. 2. 2 | 01.2.2 | Viċi-Sindku: Wirja ta' l-Artiġjanat | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-wirja ta' artiġjanat ta' MaryGrace Montebello li għaliha kien hemm attendenza tajba. Waqt din il-wirja saret ġabra ta' Eur241.17 għal Puttinu Cares liema somma ġiet preżentata minn Mary Grace Montebello stess. Darmanin ippropona sabiex jitħalla post fir-reception tal-Kunsill għal min ikun irid jagħmel donazzjoni lill-istess għaqda. Il-Kunsill ser jevalwa din il-proposta. | Viċi-Sindku |
| 03. 2. 3 | 01.2.3 | Viċi-Sindku: Storja ta' l-Għassa | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx avviċinat Dun Joe Abela minħabba l-istorja ta' l-għassa tal-lokal. Seychell ippropona li tinkiteb ittra lill-Kumissarju tal-Pulizija peress li l-probabilta' li d-Depot hemm din l-informazzjoni. | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2. | 4 | 01.2.4 | Camilleri: Wirja ta' 100 sena skola | Camilleri ta rapport dettaljat tal-wirja tar-ritratti li ser titella f'għeluq il-mitt sena mill-fondazzjoni ta' l-iskola primarja taż-Żejtun liema ftuħ ser isir nhar it-12 ta' Mejju. Il-Kunsilliera huma mħeġġa jattendu. Għal din l-attivita' ser ikunu mistiedna l-għalliema li għallmu f'din l-iskola tul dan iż-żmien. F'din l-okkażjoni l-għalliema ser jingħataw momento li ser jiswew Eur5 -il waħda. Camilleri fakkar ukoll li bejn is-16 u s-17 ta' Mejju il-wirja tar-ritratti ser tkun eżebita fiċ-Ċentru ta' l-Arti u Artiġjanat bil-ftuħ tagħħha jkun nhar is-16 ta' Mejju fid-9.30am. Għaliha ser ikunu mistednin is-sotto kumitati, kapijiet ta' l-iskola, l-assitenti kif ukoll il-kunsill skolastiku. S'issa l-ammont ta' ritratti ta' din l-iskola laħaq id-90. Fis-16 ta' Mejju il-wirja ser tkun miftuħa bejn id-9.30am u nofsinhar u bejn il-5.00pm u d-9.00p.m filwaqt li nhar is-17 ta' Mejju se tkun miftuħa bejn l-10.00 u nofsinhar. | Camilleri |
| 03. | 2. | 5 | 01.2.5 | Viċi-Sindku: Olive Oil Musem | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-iżviluppi ta' l-applikazzjoni ta' l-Olive Oil Museum li l-Kunsill għandu quddiem il-Mepa. Is-Sindku irraporta l-laqgħa li saret mas-Sur Paul Attard fejn dan issuġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Kap ta' l-Edukazzjoni Ms Michelin Sciberras. Għal din il-laqgħa attendew ukoll il-Kunsillier Pace u s-Segretarju Eżekuttiv. | Sindku Fenech |
| 03. | 2. | 6 | 01.2.7 | Camilleri: Prize Day Skola Primarja B | Camilleri irraporta lill-Kunsill il-Jum tal-Premjazzjoni li saret fi skola primarja B nhar l-24 ta' April 2009 fejn ingħataw tliet kotba lil tliet studenti differenti. F'dan il-jum it-tfal tellgħu play li kienet ta' livell tajjeb ħafna. | Camilleri |
| 03. | 2. | 7 | 01.2.13 | Wille Piscopo: Newwes Garage | Wille Piscopo staqsiet jekk sarx is-single yellow line quddiem Newwes garage. Is-Sindku qal li s-single yellow line sar iżda għad hemm xi problemi peress li l-limousine hi madwar 30 pied. | Darmanin |
| 03. | 2. | 8 | 01.3.2 | Viċi-Sindku: Laqgħa Meusac | Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex issir laqgħa mal-Meusac ħalli l-Kunsill ikollu iktar informazzjoni dwar liema fondi/proġetti ta' l-UE jista japplika. | Viċi-Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 2. | 9 | 01.3.3 | Viċi-Sindku: Ritratti tal-Presidenti | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ir-ritratti tal-President ta' Malta wasslux. Is-Sindku wieġeb li minħabba l-problemi li nqalgħu, dawn għadhom ma waslux u qed nistennew li jinħareġ uffiċjalment ir-ritratt il-ġdid tal-President ta' Malta. Pace informa lill-Kunsil li r-ritratt uffiċjali ħareġ illum. | |
| 03. | 2. | 10 | 01.6.3 | Viċi-Sindku: Rapport | Il-Viċi-Sindku irrapurtat li meta marru għall-okkażjoni ta' Dun Frans Mifsud, hi flimkien ma' Wille Piscopo sabu li kien hemm ukoll l-okkażjoni ta' Dun Karm Mifsud li jgħix l-Amerka. Il-Kunsill ma kienx avżat peress li dan kien irċieva invit wieħed biss mingħand Dun Frans Mifsud. Kien propju għalhekk li l-Kunsill ippreżenta plakka waħda. | |
| 03. | 2. | 11 | 01.6.5 | Wille Piscopo: Basketball ring | Wille Piscopo staqsiet jekk kienx twaħħal il-basketball ring hekk kif mitlub preċedentement. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Sindku Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 12 | 01.6.6 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivitajiet ta' Jum l-Omm kellhom ikunu posposti kif ġej : Coffee Morning nhar id-19 ta' Mejju ġewwa s-Suncrest Hotel u qabel quddiesa f'Burmarrad; Weekend Break bejn il-15 u s-17 ta' Mejju ġewwa l-Plaza Hotel Eur70 fuq bazi half board, sunday lunch u harbour cruise. Tfal minn 4 snin 'l fuq nofs prezz. | Viċi-Sindku |

**03. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 3. 1 | 02 | MEPA: PA6119/08 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li gym m'għandux ikun f'żona residenzjali.** | Sindku |
| 03. 3. 2 | 02 | MEPA: PA1038/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con li l-ħanut inkwistjoni jinsab eżatt quddiem il-knisja kif ukoll f'inqas minn 100 metru hemm ħanut ieħor ta' l-istess klassi.** | Sindku |
| 03. 3. 3 | 04 | MRA/MEPA: Żvilupp fi Vjal 25 ta' Novembru | Fir-rigward tal-korrispondenza li l-Kunsill kiteb lill-MEPA dwar żviluppatur li ħalla l-bankina imkissra fi Vjal 25 ta' Novembru, il-MEPA irrispondiet li l-garanzija li ġelgħet jagħmel lill-Kuntrattur kienet dwar siġar u mhux minħabba ż-żamma ta' mogħdijiet u bankini. L-avviż legali 295/07 kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ meta l-iżviluppatur ingħata l-permess. | Sindku Darmanin |
| 03. 3. 4 | 05 | MEPA: Water Catchment Management Plan for the Maltese Islands | **Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-MEPA sabiex iż-Żejtun ikollu attenzjoni speċjali rigward il-ħames ġibjuni li jeżistu fil-lokalita. Is-Sindku irrakomanda li dwar din il-materja l-Kunsill japplika għall-fondi għal-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali.** | Sindku |
| 03. 3. 5 | 06 | DLG: Fondi speċjali għal-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali | **Wara diskussjoni li saret, fuq rakkomandazzjoni ta' Pace, il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dawn il-fondi sabiex isiru toroq mill-ġdid. Dawn huma toroq uħud distributorji li minnhom jgħaddi ħafna traffiku, spiċċaw u jridu jsiru mill-ġdid. L-applikazzjonijiet għal dawn il-fondi ser jagħlqu fid-29 ta' Mejju, 2009.** | Sindku |
| 03. 3. 6 | 07 | DLG: Kuntratt ġdid għal ġbir ta' skart organiku | Is-Sindku spjega li bħalissa qed isiru taħdidiet jekk il-Kunsill hux ha jaħdem għal rasu jew inkella fuq bażi reġjonali. | Sindku |
| 03. 3. 7 | 08 | DLG: Skemi | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu japplika għac-Child Day Care Centre taħt l-iskema ta' Enterprise Support Award filwaqt li Ħal Tmiem huwa s-sit identifikat għall-iskema ta' Green Challenge. L-applikazzjonijiet jagħlqu fil-31 ta' Lulju 2009.** | Sindku Viċi-Sindku |
| 03. 3. 8 | 11 | ADT: Parking for residents only at Ta' Ganza | Wara li nqrat il-korrispondenza ta' l-ADT dwar it-twaħħil ta' "Parking for residents only" fil-blokki Ta' Ganza, il-Kunsill baqa' jsosnti li l-area hija bitħa tal-flats u għalhekk ir-residenti ta' l-istess binjiet għandhom ikunu n-nies li jipparkjaw f'din il-bitħa. Dwar dan diġa' inktibet korrispondenza lid-Dipartimenti ta' l-Artijiet u tad-Djar. | Darmanin |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 3. | 9 | 12 | Green MT: Skart | **Il-Kunsill qabel li għandu jsejjaħ laqgħa mal-kuntrattur preżenti li jiġbor l-iskart goff sabiex ikun verifikat jekk l-istess kuntrattur jistax jadotta is-sistema hekk kif proposta minn Green MT peress li din hija inizjattiva li tolqot pożittivament lill-Kunsill kif ukoll l-ambjent.** | Sindku |
| 03. | 3. | 10 | 15 | Fr Eric Overend: Tneħħija ta' Siġra | Is-Sindku informa lill-Kunsill li tneħħiet siġra li kważi tmiss mal-ħajt tal-knisja minħabba xogħol li qed isir mill-knisja. L-iscaffolding m'għamel l-ebda ħsara lil xi madum. | Sindku |
| 03. | 3. | 11 | 18 | Universita' ta' Malta: Sit Arkeoloġiku fil-Liceo C. Diacono | **Il-Kunsill qabel bir-riservi li għandu jsir photogrammetric survey tal-ħitan u l-art tas-sit arkeoloġiku li jinsab ġewwa l-Liceo Carlo Diacono mill-Universita' ta' Malta għall-prezz ta' Eur600.** | Sindku |
| 03. | 3. | 12 | 19 | Patrijiet Duminkani: Talba għal bank | Għalissa il-Kunsill ma jistax jilqa' it-talba tal-Partrijiet Dumnikani ta' G'Mangia għal bank sabiex ikun provdut mill-istess Kunsill. | |
| 03. | 3. | 13 | 20 | MEUSAC: Konferenza f'għeluq il-5 snin sħubija ta' Malta fl-UE | Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-konferenza li ser issir mill-MEUSAC bħala parti mill-anniversarju ta' 5 snin minn meta Malta daħlet fl-UE. Din ser issir ġewwa l-Corinthia San Ġorġ fl-20 ta' Mejju fid-8.45am. | |
| 03. | 3. | 14 | 21 | Għaqda Mużikali Beland: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qara l-korrispondenza ta' l-Għaqda Banda Beland dwar l-attivita' Żejt iż-Żejtun u dwar l-attivita' li ser torganizza l-istess għaqda fis-27 ta' Settembru. Il-Kunsill innota u approva li waqt li ssir fil-ħin ta' l-attivita', l-attivita ta' l-Għaqda Banda Beland tkun distinta minn Żejt iż-Żejtun. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **03.** | **4.** | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 03. | 4. | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 03a/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| | | | | | **Il-Kunsill approva wkoll rimbors lis-Sur Anthony Seychell ta' Eur23.29 għas-servizz ta' l-Iscouts waqt l-attivita' Vittmi tal-Gwerra li saret nhar it-2 ta' Mejju, 2009.** | Segretarjat |
| | | | 10 | | **Camilleri u Fenech qalu li diġa' għandhom skema ta' saħħa u għaldaqstant għandhom jitneħħew minn fuq il-lista tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 03. | 4. | 3 | | Talbiet għal Xiri 03/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 03. | 4. | 4 | | Petty Cash April 2009 | **Il-Kunsill approva nem.con in-nefqa tal-petty cash għax-xahar ta' April 2009 Eur218.39.** | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **03.** | **5.** | | | **Mini Pitch fi Ġnien iż-Żgħożija** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5. 1 | | Sindku: Spejjeż | **Il-Kunsill approva l-ispejjeż ta' Eur3,500 in konnessjoni mat-twaħħil tal-mini pitch fi Ġnien iż-Żgħożija.** | |
| 03. 5. 2 | | Viċi-Sindku:Ilment | **Il-Viċi-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill ilment li għadda lilha minn tifel ta' 10 snin fejn dan ilmenta li l-iskate park tiżloq ħafna. Is-Sindku qal li l-iskate park hu magħmul skond l-istandards Ewropej.** | |

**03. 6.** **Approvazzjoni tal-Quarterly Reports**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 6. 1 | | | Is-Segretarjat poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tar-raba kwart tas-sena finanzjarja 2008-9. Ġie innutat li tul dan il-kwart inġabru l-fondi mid-Dipartiment tad-Djar fuq xogħlijiet li saru fi Ġnien iż-Żgħożija u xogħlijiet oħra li saru fuq il-mogħdijiet fil-Housing Estate ta' San Girgor. Dawn il-fondi kienu jlaħħqu L-Eur100,000. Is-surplus għar-raba kwart tas-sena kien ta' Eur89,000. | |
| 03. 6. 2 | | | **Il-Kunsill approva nem.con ir-rapport finanzjarju għar-raba kwart tas-sena finanzjarja 2008-9 u għalhekk is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

**03. 7.** **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarji ta' tmiem is-sena**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 7. 1 | | | Tqassam lill-membri tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju ta' tmiem is-sena 2008-9. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li s-surplus għal tmiem is-sena kien ta' Eur30,000 li dawn ser ikopru parti mill-ispejjeż għax-xiri tal-garaxx. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jagħmel l-uffiċini ta' l-istess Kunsill aċċessibli għal kulħadd liema proġett ser ikun approvat għall-allokazzjoni ta' fondi speċjali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Bħalissa qed jitħejjew pjanti mill-Perit tal-Kunsill. | |
| 03. 7. 2 | | | **Il-Kunsill approva nem.con ir-rapport finanzjarju ta' tmiem is-sena u għalhekk id-dokument ġie iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

**03. 8.** **Kor tal-Milied**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 8. 1 | | | **Il-Kunsill approva nem.con li n-New Choral Singers jagħti l-Kunċert Annwali ta' din is-sena nhar id-29 ta' Diċembru 2009 fil-Knisja Parrokkjali għall-prezz ta' Eur950.00** | Seychell |

**03. 9.** **Laqgħa tal-Kunsill Gemellati**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 9. 1 | | | Is-Sindku fakkar lill-Kunsill fil-laqgħa li ser issir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju għall-Kunsilli ġemellati. Min-naħa tal-Kunsill ser jattendu s-Sindku, Viċi-Sindku, Darell Pace, Stephania Fenech u Elizabeth Wille Piscopo. Tocina biss ikkonfermat l-attendenza tagħha filwaqt li Celano ma setgħetx tattendi. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 9. 2 | | | Is-Sindku spjega li għal bidu ta' Settembru fuq stedina tas-Sindku u l-Muniċipju ta' Tocina qed jithejja pjan sabiex grupp ta' Żwieten iżur Tocina. | |

**03. 10.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 10. 1 | | Għal din il-laqgħa ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet. | | |

**03. 11.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 11. 1 | | Viċi-Sindku: Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali Distrettwali | Il-Viċi-Sindku irrimarkat li l-uffiċċju distrettwali tas-sigurta' soċjali mhuwiex aċċessibli u staqsiet jekk dan l-uffiċċju hux ha jkun parti mill-bini tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jistenna u jara kif ser jiżviluppaw l-affarijiet għal one stop shop. | |
| 03. 11. 2 | | Segretarjat: Business Cards | Is-Segretarjat talab lill-kunsilliera sabiex jiġbru l-business cards tagħhom mill-pigeon holes rispettivi. | Kunsilliera |
| 03. 11. 3 | | Darmanin: Speed Camera Tal Barrani | Darmanin talab kemm il-ċitazzjoni ingħatat fi Triq Tal Barrani. Is-Sindku spjega li din l-informazzjoni trid tintalab lill-Kumitat Konġunt. | Sindku |
| 03. 11. 4 | | Wille Piscopo: Bus stop Triq l-Għadam | Wille Piscopo staqsiet għalxiex inqala' l-bus stop minn Triq l-Għadam. Il-Kunsill ser jivverifika x'ġara. | Darmanin |
| 03. 11. 5 | | Wille Piscopo: Traffic Signs/Road markings | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni rigward diversi traffic signs/ road markings li għandhom bżonn xi attenzjoni madwar il-lokalita': no entry sign mgħawweġ fi Triq San Girgor k/m Triq Dejma, no left turn sign nieqes fi Triq id-Daħla ta' San Tumas quddiem Ġnien tal-Kmandant u zebra cross biex terġa tinżebah fi Triq San Girgor u jitressaq it-traffic sign ta' l-istess zebra crossing. | Darmanin |
| 03. 11. 6 | | Wille Piscopo: Ġnien iż-Żgħożija | Wille Piscopo talbet sabiex tingħata tindifa fi Ġnien iż-Żgħożija u sabiex jitwaħħlu xi litter bins. Is-Sindku spjega li dan il-ġnien qed jitnaddaf kull nhar ta' sibt iżda jekk hemm il-ħtieġa dan għandu jitnaddaf aktar ta' spiss. | Hales<br>Sindku |
| 03. 11. 7 | | Fenech: z@freak | Fenech staqsiet dar l-attivita' Waslet il-Festa liema attivita' ġiet diskussa aktar kmieni. Fenech infurmat lill-Kunsill li jekk il-finanzi jippermettu l-attivita' z@freak issir fuq żewġt iljieli bejn l-24 u l-25 ta' Lulju, 2009. **Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.** | Fenech |
| 03. 11. 8 | | Fenech: Triq Santu Wistin | Fenech talbet sabiex il-Kunsill jikkunsidra li Triq Santu Wistin issir one way minħabba l-inkonvenjent li qed ibatu r-residenti ta' l-istess triq. Is-Sindku spjega li jeżistu xi problemi peress li din hija l-unika triq f'dik iż-żona li minnha tista tgħaddi. Hemm il-ħsieb li l-ewwel parking ta' Triq Santu Wistin jitneħħa. | Darmanin |
| 03. 11. 9 | | Camilleri: ADT | Camilleri talab sabiex ir-residenti li joqgħodu fit-toroq li ser isiru ġodda mill-Adt, ikunu infurmati. Il-Kunsill laqa din it-talba. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. | 11. 10 | Camilleri: Triq Ħal Tarxien | Camilleri informa lill-Kunsill li t-tarmak ta' Triq Ħal Tarxien spiċċa u li anke l-patching inqala għal darb'oħra. | Sindku |
| 03. | 11. 11 | Camilleri: Patching | Camilleri talab sabiex isir il-patching ta' ħofra perikoluża Triq Tal Barrani k/m Triq il-Makna tal-Ħalib. Is-Sindku qal li din ser titniżżel mal-lista tal-patching. | Sindku |
| 03. | 11. 12 | Seychell: Traffiku | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar mera nieqsa fi Triq Taltas int u ħiereġ għal Triq Bugħarbiel u traffic sign imdawwar fi Triq Xrobb l-Għaġin. Is-Sindku qal li dan it-traffic sign għandu jsir mill-ħaddiema ta' l-IPSL. | Darmanin |
| 03. | 11. 13 | Viċi-Sindku: Jum il-Missier | **Il-Kunsill approva l-attivita' għal Jum il-Missier li ser tkun organizzata nhar it-18 ta' Ġunju 2009 li għaliha hemm il-ħsieb li issir żjara lill-President ta' Malta.** Għal din l-okkażjoni il-Kunsilliera huma mħeġġa jattendu. Aktar informazzjoni tingħata aktar tard. | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2009 fis-6.00pm fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali Zejtun.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv